MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2005

Numru. 247/2002

PULIZIJA
SPETTUR M'STELLA CUTAJAR
VS
TAHER BEN BASHER SHABAN

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Taher Ben Basher Shaban, bin Shaban, imwieled Zlet, Libya, fit-28 t'Ottubru 1980 u residenti St Angelo Crt, Flat 1, Triq San Filippu, B'Bugia, detentur tal-karta tal-identita' numru 21073(A), u akkuzat talli fil-5 ta' Jannar 2000 u fiz-zmenijiet ta' qabel din id-data, b'diversi azzjonijiet maghmulin minnu fi zminijiet differenti li jikksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, bhala detentur tal-fond St Angelo Court, Flat 1, Triq San Filippu, B'Bugia, jew bhala persuna li kellu f'idejh l-imsemmi fond ghal anqas minn elf lira Maltin (Lm1000) ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kwalfikat bil-mezz, ammont u hin.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel hsara fil-makkinarju u gumni tal-elettriku jew ikkaguna telf ta’ kurrent elettriku.

U aktar talli ghamel hsara jew kisser xi parti mill-meter tal-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew gumni wzati fil-provvista tal-elettriku jew sigilli taghhom, liema hsara ma teccedix il-hamsin lira Maltin (Lm50), ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Ghaldaqstant, il-Qorti kienet gentilment mitluba li barra milli taghti l-piena, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez a tenur tal-Artiklu 533 tal-Kodici Kriminali.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikli 261, 263, 264, 267, 270, 326(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-Artiklu 7 tal-Kap 446, tqieghu taht ordni ta’ ‘probation’ ghal tmintax-il xahar, taht is-supervizjoni ta’ ‘probation officer’ nominat mid-Direttur tal-Probation Services.  In oltre, ai termini tal-Artiklu 24 tal-Kap 446, tordna lill-imputat ihallas is-somma ta’ mitejn u tmienja u tletin Lira Maltin (Lm238) f’rati mensili ta’ erbghin Lira (Lm40) fix-xahar li jibdew jghoddu mid-data ta’ din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------